**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**------------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/1-2011(29_01_2011).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 29 ta' Jannar 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fid-9.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi-*Chairperson* u s-Sur Vincent Borg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Jannar 2011.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Estimi Finanzjarji 2011 Kumitat Amministrattiv, Xlendi.
3. Laqgħa tal-Lokalita' 2011.
4. Memo 45/2010 – *Public Private Partnership* fuq Toroq.
5. Fondi U.I.F għall-Bajja tax-Xlendi.
6. Proġetti u Attivitajiet għas-sena 2011.
7. Dawl fix-Xlendi.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/4-2010(13_11_2010).

**2.00 Estimi Finanzjarji 2011 Kumitat Amministrattiv, Xlendi.**

2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' l-Estimi Annwali 2011. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2011 għall-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi ser tkun ta' €102,691. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €300. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €25,833. Qed isir estimu ta' €72,552 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni. Proġetti Speċjali hemm €3,500 – Co-Financing Eco-Gozo.

**3.00 Laqgħa tal-Lokalita' 2011.**

3.01 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita' għar-residenti reġistrati fuq ix-Xlendi ssir nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar 2011 fis-6.00 ta' filgħaxija, fil-Lukanda St. Patrick's.

**4.00 Memo 45/2010 – *Public Private Partnership* fuq Toroq.**

4.01 Oriġinarjament, minn qabel ma kien jeżisti l-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi, l-Kunsill Lokali tal-Munxar kien applika sabiex fl-iskema ta' PPP fuq Toroq jiddaħħlu dawn it-toroq: Triq il-Kavallieri, Triq ir-Rumani, Triq is-Sajjieda, Triq is-Sienja, Triq bla isem fi Triq il-Qsajjem u Triq ta' Rinota/Andrijiet. Peress li Triq is-Sajjieda u Triq is-Sienja huma inklużi fil-programm ta' *embellishment* tax-Xlendi li ser isir mill-Ministeru għal Għawdex, dawn iż-żewġ toroq m'humiex ser jiddaħħlu fl-iskema ta' PPP.

Il-Kumitat irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jiggarantixxi li matul l-2011 jgħaddi lill-Kumitat nofs il-pagament li jrid isir malli jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* jiġifieri €27,360.60 (nofs l-40% tal-valur kollu stmat tax-xogħol). Qed jiġi ggarantit ukoll illi l-Kumitat jieħu mingħand id-Dipartiment nofs il-pagament li jrid isir f' għeluq is-sena minn meta jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* jiġifieri €13,680.30 (nofs l-20% tal-valur kollu stmat tax-xogħol).
It-toroq li jridu jsiru permezz ta' dan it-*tender* huma: Triq il-Kavallieri, Triq ir-Rumani, Triq bla isem fi Triq il-Qsajjem u Triq ta' Rinota/Andrijiet.
Skont id-*draft* tal-kuntratt anness ma' Memo 45/2010 huwa ċar li l-pagamenti lill-Kuntrattur iridu jsiru 40% malli jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing*, 20% wara l-ewwel sena mit-twettiq tax-xogħol, u wara t-tieni sena l-Kumitat iħallas 10%. Imbagħad għas-sena l-oħra sat-tmien sena, l-Kumitat iħallas 5% kull sena.

**5.00 Fondi U.I.F għall-Bajja tax-Xlendi.**

5.01 Bħalissa l-bilanċ mill-fond tal-U.I.F għall-Bajja tax-Xlendi huwa ta' €118,200.00. Qabel ma l-Kumitat Amministrattiv jiddeċiedi liema xogħlijiet ser isiru b' dan il-fond, ser issir laqgħa mal-Perit Mariella Xuereb sabiex jiġu kkordinati x-xogħlijiet li ser isiru fix-Xlendi. Fil-laqgħa tal-Kumitat li jmiss ser jiġi deċiż dwar il-proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati minn dan il-fond.

**6.00 Proġetti u Attivitajiet għas-sena 2011.**

6.01 Il-Kumitat irċieva rapport tal-Perit Edward Said dwar xogħlijiet ta' restawr li hemm bżonn li jsiru fit-Torri tax-Xlendi. Dan il-pjan qed jaħdem fuqu l-Kumitat imwaqqaf bejn il-Kunsill Lokali tal-Munxar u Din l-Art Ħelwa. Huwa stmat li x-xogħlijiet jitelgħu għal €135,000 fejn nofs dan l-ammont irid jitħallas mill-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi. Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi qed japprova dawn ix-xogħlijiet, liema xogħlijiet isiru f' fażijiet.

6.02 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li l-attivita' Xalar ix-Xlendi li ser issir fit-18 ta' Settembru 2011, ġiet approvata u ser tingħata s-somma ta' €2,000. Huwa rrimarka li ħafna mill-apparati li ser ikun hemm bżonnu sabiex isir il-logħob ser jiġi misluf mingħand ħaddieħor.

6.03 Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li għal din is-sena l-Kumitat jagħmel il-fjokkolata tal-Festa tax-Xlendi, jgħin fil-Ġostra tax-Xlendi u jiġi organizzat *Open-air Cinema* fix-Xlendi.

**7.00 Dawl fix-Xlendi.**

7.01 Peress li t-*tender* għal fanali u sistema ġdida ta' dawl fix-Xlendi ġiet ikkanċellata, l-Kumitat ser jikkonsulta mal-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru dwal skont l-*embellishment* li hemm propost.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-aħħar laqgħa fejn il-Kumitat ġie informat dwar kemm ser tkun il-*Co-financing* tal-Kumitat fuq Measure 313 u 323. Mill-aħħar laqgħa sa issa kien hemm żvilupp fejn il-Kumitat ma huwa ser iħallas xejn peress li l-*Paying Office* ser tħallas kollox.

8.02 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li ser issir laqgħa mas-Sur Manuel Tabone, Direttur Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku fil-Ministeru għal Għawdex u li l-indafa fix-Xlendi taqa' taħt dan id-Dipartiment.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 ta' filgħodu u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar is-Sibt, 26 ta' Frar 2011, fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Godwin Azzopardi** | **Anthony Grech** |
| ***Chairperson.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |